**Kunsill Reġjonali Għawdex**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 132/2024**

**It-Tnejn 8 ta' Lulju, 2024**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali ta' Għajnsielem |
| Is-Sur Victor Curmi | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Is-Sur Baskal Saliba | Kunsill Lokali taż-Żebbuġ |
| Is-Sur Louis Apap | Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Clyde Cauchi | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sinjorina Simona Refalo | Kunsill Lokali tax-Xewkija |
| Is-Sur Kevin Curmi | Kunsill Lokali tan-Nadur |
| Is-Sur Sammy Saliba | Kunsill Lokali tal-Għasri |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali ta' Kerċem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali tal-Qala |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali ta' Sannat |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**
Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

**132.1 <u>Talba</u>**

132.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**132.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.</u>**

132.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħat 130 u 131 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**132.3 <u>Korrispondenza.</u>**

132.3.1 Korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali dwar aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku u Viċi Sindku.

132.3.2 Talba mingħand il-*Funds Manager* tar-Reġjun sabiex ikun jista jattendi t-22 European Week of Regions and Cities bejn is-7 u 10 ta' Ottubru 2024 fi Brussel. Il-President informa lill-membri preżenti li anke s-Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera huma mistiedna sabiex jattendu.

132.3.3 Email mingħand il-Green Pak dwar ftehim mal-PRO's. Jidher li hemm xi kwistjonijiet li għad m'hemmx ftehim u għalhekk dan l-ftehim ma ġiex iffirmat. Id-Direttur Ġenerali talab sabiex issir laqgħa oħra fejn ikunu mistiedna wkoll ir-Reġjuni.

132.3.4 Email mingħand id-Direttur (Monitoring and Support) dwar il-ħtieġa li ssir Call for tenders biex jiġi nkarigat Artistic Director. Dan qed issir għas-sena Kulturali 2025.

132.3.5 Email mingħand is-Sur Charles Bezzina fejn talab sabiex il-poeta Ġorg Pisani jiġi ddikjarat Poeta ta' Għawdex. Din it-talba ġiet innotata iżda l-ebda deċiżjoni ma ttieħdet mill-membri preżenti. Ġie nnotat li hemm diversi poeti Għawdxin oħra li wkoll jistgħu jiġu kkunsidrati għal dan l-istess titlu.

**132.4 <u>Merħba lis-Sindki Ġodda.</u>**

132.4.1 Il-President ta merħba lis-Sindki u Viċi Sindki ġodda. Il-President informa lill-membri dwar il-bid tal-Gastronomia għas-sena 2026 kif ukoll is-sena tal-Kultura 2025 flimkien mal-bid tar-Reġjun Għawdex għal European Capital of Culture 2031. Il-President issuġġerixxa li fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss tattendi l-Manager tal-Kultura, is-Sinjorina Naomi Galea sabiex tagħti dettallji dwar it-tlett avvenimenti kbar li ġew imsemmija.

132.4.2 Il-President talab sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sindki u Viċi Sindki li spiċċaw mill-karigi tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

132.4.3 Il-President issuġġerixxa li jattendi l-accountant tar-Reġjun sabiex jagħti rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għall-laqgħa li jmiss jkun hemm ukoll ir-rapport ta' kull kwart (April-Ġunju).

**132.5 Ittra tal-Awdituri u Risposta.**

132.5.1 Il-President ipprezenta l-ittra tal-Awdituri (Management Letter) u risposta. Dawn kienu ġew iċċirkulati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-President informa lill-membri preżenti li ma kienx hemm problemi msemmija fl-ittra tal-awditur. Ir-risposta ppreparata mis-Segretarju Eżekuttiv ġiet approvata.

**132.6 Żjara tat-tfal mill-Ukraina.**

132.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti li għat-tieni sena konsekuttivament ir-Reġjun Għawdex ser iġib grupp ta' għaxart itfal, l-etajiet bejn il-11 u l-14 il-sena flimkien ma persuna nkarigata mill-Ukraina għal kamp tas-sajf ta' ġimgħa. Dan hu ġest umanitarju biex dawn iż-żgħażagħ jeħilsu mit-tensjoni tal-gwerra għal ftit żmien. Id-dati ta' meta ser ikunu fostna huwa bejn is-19 u 26 ta' Awwissu 2024. Għal dan il-għan, ir-Reġjun ser iħallas l-ispejjeż tal-ajru, insurance, akkomodazzjoni u trasport lokali. Ir-Reġjun qed jitlob bħas-sena preċedenti sabiex kull Kunsill jieħu lil dawn it-tfal għal nofs ta' nhar jew ġurnata. Waqt il-ħin li jkunu magħhom, il-Kunsilli huma mitluba jorganizzaw xi attivitiajiet għat-tfal u jipprovdulhom ikla.

**132.7 Żvilupp Sportiv ġewwa Għawdex.**

132.7.1 Il-President informa lill-membri preżenti li hu rċieva talba mingħand il-Gozo Youth Football Association għall-kollaborazzjoni sportiva. Filwaqt li l-President enfazizza li r-Reġjun jista jalloka sa €10,000 fis-sena għal dan il-għan, irrid issir MOU dwar kif jistgħu jintużaw dawn il-fondi. Mhux permess li dawn il-fondi jintużaw għas-safar.

**132.8 Materji Oħra.**

132.8.1 Il-President talab sabiex kull Kunsill jibgħat id-dekasteri assenjati lill-Kunsilliera lir-Reġjun. Il-President qal li r-Reġjun wkoll jista' jassenja responsabbiltajiet lill-membri u għalhekk talab din il-lista. Jista' jkun li hemm Kunsilli li assenjaw aktar dekasteri barra dawk imniżżlin fl-iskeda 14.

132.8.2 Is-Sindki tal-Munxar u taż-Żebbuġ talbu sabiex ir-Reġjun jagħmel talba lil Eco-Għawdex biex tibda ssir ġabra tal-borża s-sewda addizzjonali (kull jum) fix-Xlendi u f'Marsalforn. Fil-passat dan kien isir fis-sajf.

132.8.3 Inġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' effiċjenża fil-manutenzjoni tal-bozoz. Il-membri preżenti ġew informati li r-Reġjun fil-jiem li ġejjin ser ikun qed joħroġ offerti għas-servizz tal-manutenzjoni tal-bozoz LEDs. Barra din l-offerta r-Reġjun ser joħroġ ukoll offerta għall-provvista ta' bozoz kif ukoll għal "Software Application" biex jiġu rraportati l-bozoz. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsilli mhumiex obbligati li jużaw is-servizz tal-kuntrattur biex jinstallaw jew jagħmlu manutenzjoni fuq il-bozoz ornamentali.

**132.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.**

132.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 143 li kienet tammonta għal €228,146.43.

**132.10 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

132.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:30 hrs u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Awwissu fis-6 ta' filgħaxija.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |